LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 545.14

REGOLAMENTI DWAR IL-PROVVISTA TA' L-ILMA U S-SERVIZZI TAD-DRENAĠĠ

1 ta' Jannar, 2005;
1 ta' Settembru, 2009

L-AVVIŻ LEGALI 525 tal-2004, kif emendat bl-Avviżi Legali 426 tal-2007, 337 tal-2009, 31 u 38 tal-2010, u 184 tal-2012; u bl-Att XXV tal-2015.

Titolu.
Emendat:
A.L. 38 tal-2010.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti dwar il-Provvista ta' l-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu biex jirregolaw il-liċenzar tal-provvista tal-ilma u s-servizzi tad-drenġġ f'Malta. Dawn ir-regolamenti qegħdin isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u s-sigurtà pubblika. Kull ħtieġa u, jew kundizzjoni msemmija f'dawk ir-regolamenti, inkluż dawk relatati ma' awtorizzazzjonijiet u ma' liċenzi, qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.

Tifsir.
Emendat:
A.L. 31 tal-2010;
A.L. 38 tal-2010;
XXV. 2015.41.
Kap. 545.

2. F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx titlob mod ieħor:

"l-Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni jew liċenza mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, u f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi u provdituri ta' servizz tfisser permess, liċenza, appuntament, konċessjoni jew kull deċiżjoni formali li tirrigwarda aċċess għal attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha;

"drenaġġ" tfisser id-drenaġġ domestiku u, jew skart likwidu jew it-taħlita ta' drenaġġ domestiku u, jew skart likwidu ma' drenaġġ industrijali u, jew skart likwidu u, jew ilma tax-xita;

"drenaġġ domestiku" tfisser id-drenaġġ u, jew skart likwidu minn residenzi u servizzi li joriġina fil-biċċa l-kbira tiegħu mill-metaboliżmu tal-bniedem u mill-attivitajiet fid-dar;

"draneġġ industrijali" tfisser kull drenaġġ u, jew skart likwidu li jintrema minn dawk il-fondi wżati sabiex isir xi negozju, prattika, attività jew industrija, imma jeskludi drenaġġ domestiku u ilma tax-xita;

"fornitur ta' l-ilma" tfisser kull persuna li jkollha liċenza jew li tkun awtorizzata b'dawn ir-regolamenti biex tforni l-ilma minbarra ilma tal-flixkun;

"fornitur ta' l-ilma mhux tajjeb għax-xorb" tfisser fornitur ta' l-ilma li jkollu l-attività tiegħu limitata għal dak l-ilma li mhux tajjeb għax xorb;

"ilma tajjeb tax-xorb" tfisser dak l-ilma kollu li:

(*a*) jew fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament ikun intiż għax-xorb, tisjir, preparazzjoni ta' ikel jew

skopijiet domestiċi oħra, tkun xi tkun l-oriġini tiegħu u sew jekk dan ikunx fornut minn netwerk ta' distribuzzjoni, pajp jew *tanker*;

(*b*) jiġi wżat f'kull intrapriża ta' produzzjoni ta' l-ikel għall-manifattura, ipproċessar, preservazzjoni jew bejgħ tal-prodotti jew is-sustanzi maħsubin għall-konsum mill-bniedem;

"ilma tal-baħar" tfisser ilma li jkollu konduttività elettrika ta' iktar minn 50,000 µS/cm;

"impjant għat-trattament ta' l-ilma" tfisser faċilità jew dik il-porzjon tas-sistema tal-provvista ta' l-ilma li tbiddel il-kwalità fiżika, kimika jew batterjoloġika ta' l-ilma u li tintuża biex tagħmel l-ilma tajjeb għax-xorb;

"impjant għat-trattament tad-drenaġġ" tfisser kull struttura, faċilità, apparat, proċess jew taħlita ta' dawn użat għall-iskop li jkun ittratat jew stabilizzat drenaġġ u, jew skart likwidu jew drenaġġ industrijali u, jew skart likwidu u rimi u, jew l-użu mill-ġdid ta' l-effluwent;

"klijent" tfisser u tinkludi kull persuna naturali jew ġuridika li għaliha jkun qed jiġi provdut ilma mingħand fornitur tal-ilma u, jew li tkun tirċievi servizzi tad-drenaġġ mingħand operatur tas-servizzi tad-drenaġġ, u kull fejn din tinsab f'dawn ir-regolamenti, għandha tinkludi wkoll klijent aħħari;

"klijent aħħari" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li għaliha jkun qed jiġi provdut l-ilma mingħand provditur ta' l-ilma għall-użu tagħha u, jew li tkun tirċievi servizzi ta' drenaġġ mingħand operatur tas-servizzi tad-drenaġġ għall-użu tagħha;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-Riżorsi;

"netwerk privata ta' distribuzzjoni ta' ilma" tfisser netwerk ta' distribuzzjoni ta' ilma li mhijiex netwerk pubblika ta' distribuzzjoni ta' ilma ;

"netwerk pubblika ta' distribuzzjoni ta' ilma" tfisser in-netwerk tad-distribuzzjoni ta' l-ilma li tkun fdata lil jew tkun tal-Gvern jew ta' xi kumpannija tal-Gvern jew korporazzjoni parastatali b'kull titolu u li tkun titħaddem mill-Gvern, kumpannija jew korporazzjoni parastatali;

"netwerk tad-distribuzzjoni ta' l-ilma" tfisser is-sistema jew in-netwerk ta' kondjuwit, pajpijiet, pompi, bjar, tankijiet tal-ħażna, ġibjuni jew faċilitajiet oħra li jintużaw għall-ġbir, ħażna, trasferiment u distribuzzjoni ta' l-ilma iżda teskludi s-sistema ta' distribuzzjoni interna ta' l-ilma ta' xi fondi;

"operatur tas-servizzi tad-drenaġġ" tfisser kull persuna li jkollha liċenza jew li tkun awtorizzata b'dawn ir-regolamenti biex tforni s-servizzi tad-drenaġġ lil kull klijent;

"persuna li jkollha liċenza" tfisser persuna li jkollha liċenza maħruġa mir-Regolatur skond dawn ir-regolamenti, jew provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur skond dawn ir-regolamenti biex iwettaq l-attività f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni ta' ilma, u wkoll f'dak li

għandu x'jaqsam mar-rimi u trattament ta' ilma tad-drenaġġ, jew provditur tas-servizz li jkun awtorizzat biex jopera taħt kull liġi fis-seħħ f i Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew stat li jkun parteċipant fiż-żona Ekonomika Ewropea;

"produzzjoni ta' l-ilma" tfisser il-proċess ta' ġbid ta' ilma u, jew it-trattament tiegħu f'impjant għat-trattament ta' l-ilma;

"provditur ta' servizz" tfisser kull persuna naturali li tkun ċittadin ta' Stat Membru, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li tkun toffri jew li tkun tipprovdi servizz;

"provvista ta' ilma" tfisser u tinkludi t-twettiq ta' kull jew xi attività f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament, trasferiment, distribuzzjoni, provvista u, jew bejgħ bl-imnut ta' ilma ħlief għal ilma tal-flixkun, kemm jekk dik l-attività tkun qegħda ssir għal xi dritt, tariffa jew xi xort'oħra ta' kumpens, ikun kif ikun deskritt, kemm jekk ma tkunx;

"raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku" tfisser raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u li dawn ir-raġunijiet joffru ġustifikazzjoni għal ħruġ ta' xi awtorizzazzjoni jew għall-ħruġ ta' xi kundizzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni jew għal kull deċiżjoni politika oħra meħuda skond dik l-awtorizzazzjoni, meta dik l-awtorizzazzjoni, u, jew kundizzjoni u, jew deċiżjoni politika għal dik l-awtorizzazzjoni ma tkunx tista' tinħareġ jew tingħata taħt ċirkostanzi normali ħlief għal dawk ir-raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku li jinkludu xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) il-politika pubblika, is-sigurezza pubblika, s-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika, iżda, dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu interpretati skond l-Artikolu 46 u Artikolu 55 tat-Trattat;

(*b*) iż-żamma tal-ordni fis-soċjetà;

(*ċ*) objettivi politiċi soċjali;

(*d*) il-protezzjoni tar-riċevituri ta' servizz;

(*e*) il-protezzjoni tal-konsumatur;

(*f*) il-ġlieda kontra l-frodi;

(*g*) il-prevenzjoni ta' kompetizzjoni inġusta; u

(*h*) il-protezzjoni tal-ambjent;

"ir-Regolatur" tfisser ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kif imfisser fl-Att;

"riċevitur" tfisser kull persuna naturali li tkun ċittadin ta' Stat Membru jew li tibbenefika mid-drittijiet mogħtija lilha mill-atti Komunitarji, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li, għal finijiet professjonali jew mhux professjonali, tuża jew tkun tixtieq tuża servizz mhux għal korrispettiv finanzjarju;

"servizz" tfisser kull attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom, għal korrispettiv finanzjarju;

"servizzi tad-drenaġġ" tfisser it-twettiq ta' kull attività jew xi waħda mill-attivitajiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta'

drenaġġ, trattament, trasferiment u, jew rimi ta' ilma tad-drenaġġ, u t-trasferiment u, jew ir-rimi u, jew il-provvista u, jew il-bejgħ bl-imnut ta' effluwent, kemm jekk dawk l-attivitajiet ikunu qegħdin jiġu mwettqa għal xi dritt, tariffa jew xi xort'oħra ta' kumpens, ikun kif ikun deskritt, kemm jekk ma jkunux;

"sistema interna ta' distribuzzjoni ta' l-ilma ġewwa fond" tfisser ix-xogħlijiet ta' pajpijiet, *fittings* u tagħmir li huma installati f'xi fond u li tasal san-netwerk tad-distribuzzjoni iżda biss jekk dawn mhumiex ir-responsabbiltà tal-fornitur ta' l-ilma fil-kapaċità tiegħu bħala fornitur ta' l-ilma;

"sistema interna ta' ġbir ta' drenaġġ ġewwa fond" tfisser ix-xogħlijiet ta' pajpijiet, *fittings* u tagħmir li huma installati f'xi fond u li jaslu sas-sistema ta' ġbir ta' drenaġġ iżda biss jekk dawn mhumiex ir-responsabbiltà ta' l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ fil-kapaċità tiegħu bħala operatur tas-servizzi tad-drenaġġ;

"sistema privata ta' ġbir ta' drenaġġ" tfisser is-sistema ta' ġbir tad-drenaġġ li mhijiex sistema pubblika ta' ġbir tad-drenaġġ;

"sistema pubblika ta' ġbir ta' drenaġġ" tfisser is-sistema ta' ġbir ta' drenaġġ li jkun fdat għand il-Gvern, jew li jkun tal-Gvern, jew ta' kull kumpannija tal-Gvern jew korporazzjoni parastatali b'kull titolu u li tkun u li titħaddem mill-istess Gvern, kumpannija tal-Gvern jew korporazzjoni parastatali;

"sistema ta' ġbir tad-drenaġġ" tfisser il-katusi ta' drenaġġ, kondjuwit, pajpijiet, *manholes*, pompi u kull faċilità oħra li tintuża għall-ġbir, trasferiment, trattament u rimi tad-drenaġġ minn kull fond jew stabbilimenti, iżda teskludi s-sistema interna ta' ġbir tad-drenaġġ minn ġewwa fondi;

"stabbiliment" tfisser l-għemil attwali ta' xi attività ekonomika, mill-provditur awtorizzat għal perjodu indefinit u permezz ta' infrastruttura stabbli li minnu n-negozju ta' provvista ta' servizzi jkun qiegħed tassew iseħħ;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"*tanker* ta' ġbir tad-drenaġġ" tfisser kull vettura, karru jew *semi-trailer*, li jkollhom kapaċità li jġorru volum ta' drenaġġ ta' mhux inqas minn tliet metri kubi;

"*tanker* ta' l-ilma" tfisser kull vettura, karru jew *semi-trailer* li jkollhom kapaċità li jġorru volum ta' ilma ta' mhux inqas minn tliet metri kubi;

"Trattat" tfisser it-trattat li jwaqqaf l-Komunità Ewropea.

Applikazzjoni. *Emendat: A.L. 31 tal-2010.*

3. (1) Għandu jkun hemm dawn il-kategoriji li ġejjin fir-rigward tal-forniturі ta' l-ilma u l-operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ:

(*a*) forniturі ta' l-ilma li:

(i) jipprovdu l-ilma permezz tan-netwerk pubblika ta' distribuzzjoni ta' l-ilma;

(ii)* jipprovdu l-ilma lill-klijent permezz ta' linja ta'

*Għadu mhux fis-seħħ.

pajp wieħed jew netwerk privat ta' distribuzzjoni ta' l-ilma;

(iii) jipprovdu l-ilma lill-klijent permezz ta' *tankers* ta' l-ilma;

(iv)* jipprovdu l-ilma lill-klijent permezz ta' kull mezz ieħor;

(v) provvista ta' ilma għal użu personali minn *tankers* ta' ilma;

(*b*) operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ li:

(i) jipprovdu servizzi ta' drenaġġ li jużaw is-sistema pubblika ta' ġbir ta' drenaġġ;

(ii)* jipprovdu servizzi ta' drenaġġ lill-klijent b'linja ta' pajp wieħed jew b' sistema privata ta' ġbir ta' drenaġġ;

(iii)* jipprovdu servizzi ta' drenaġġ lill-klijent b'*tankers*;

(iv)* jipprovdu servizzi ta' drenaġġ lill-klijent b'kull mezz ieħor;

(v)* twettiq ta' servizzi ta' drenaġġ għal użu personali minn *tanker* ta' ġbir tad-drenaġġ.

(2) Dan ir-regolament għandu japplika għal kull persuna li tkun tipprovdi jew toffri servizz, jew li tkun topera sistema, jew li tkun twettaq xi attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha skond dawn ir-regolamenti kemm jekk dak is-servizz, sistema jew attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha jkunu qegħdin jiġu mwettqa għal xi dritt, tariffa jew kull xort'oħra ta' kumpens, ikun kif ikun deskritt, kemm jekk ma jkunux.

Il-funzjonijiet ta' fornituri ta' l-ilma u ta' operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ. *Emendat: XXV. 2015.41.*

4. (1) Fir-rigward tal-fornituri ta' l-ilma, ir-Regolatur jista' jidentifika xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet li ġejjin bħala rekwiżiti neċessarji għall-fornitur biex tagħtih appoġġ fit-twettiq ta' l-attivitajiet regolati:

(*a*) il-konservazzjoni, iż-żjieda u t-tħaddim tar-riżorsi ta' l-ilma u l-egħjun tal-provvista ta' l-ilma;

(*b*) l-iżvilupp, iż-żamma u l-promozzjoni tas-sistemi tajba u efficjenti għall-produzzjoni u distribuzzjoni ta' l-ilma biex dawn ilaħħqu mal-ħtiġiet kollha għall-ilma tajjeb għax-xorb raġonevoli bl-aktar mod ekonomiku possibli;

(*ċ*) it-tmexxija u t-tħaddim ta' l-impriżi, istallazzjonijiet oħra u proprjetà għall-iskopijiet uniċi tal-produzzjoni, provvista u, jew distribuzzjoni ta' ilma tax-xorb;

(*d*) il-promozzjoni ta' l-użu raġonevoli ta' ilma tax-xorb u l-inkoraġġiment tal-konservazzjoni u r-riċiklaġġ kif imiss tar-riżorsi ta' l-ilma:

Iżda dawk il-funzjonijiet ta' sostenn għandhom jitwettqu biss bil-kunsens, li jingħata minn qabel, tar-Regolatur u skond

*Għadu mhux fis-seħħ.

ordnijiet speċifikati mir-Regolatur.

(2) Fir-rigward tal-forniturі tad-drenaġġ, ir-Regolatur jista' jidentifika xi funzjoni minn dawn li ġejjin bħala rekwiżit neċessarju għall-operatur biex tagħtih appoġġ fit-twettieq ta' l-attivitajiet regolati:

(*a*) it-titjib, l-estensjoni, it-tindif u ż-żamma ta' sistemi ta' ġbir tad-drenaġġ;

(*b*) it-tħaddim ta' sistemi ta' ġbir tad-drenaġġ u dawk il-provvedimenti oħra li huma bżonnjużi minn żmien għal żmien sabiex il-kontenut ta' dawn is-sistemi jiġi ttrattat b'mod effettiv permezz tat-tisfija tad-drenaġġ u r-rimi jew kull mod ieħor;

(*ċ*) l-immaniġġjar u t-tħaddim, ta' imprizi, stallazzjonijiet u proprjetà għall-skopijiet ewlenin ta' ġbir tad-drenaġġ, tisfija, ħażna, rimi jew użu mill-ġdid;

(*d*) il-promozzjoni ta' l-użu mill-ġdid u kif imiss u raġonevoli ta' riżorsi ta' ilma u ta' kull *by-product* ieħor li jinkludu l-ħama;

(*e*) l-amministrazzjoni u l-għoti ta' kunsens biex iqabbdu mas-sistema ta' ġbir tad-drenaġġ:

Iżda dawk il-funzjonijiet ta' sostenn għandhom isiru biss bl-approvazzjoni minn qabel tar-Regolatur u skond l-ordnijiet speċifikati mir-Regolatur.

(3) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament jew f'xi liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tkun interpretata bħala li tkun qegħda teżenta lill-fornitur ta' l-ilma jew lill-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ li jitlob xi liċenza oħra kif mitlub f'regolamenti jew liġijiet oħrajn.

Applikazzjoni għal-liċenza minn provdituri ta' servizz.
Emendat: XXV. 2015.41.

5. Fornitur ta' l-ilma jew operatur tas-servizzi tad-drenaġġ li jkunu qegħdin jipprovdu jew joffru xi servizz li jinħtieġ, jew, joperaw kwalunkwe sistema imsemmija f'dawn ir-regolamenti li tinħtieġ liċenza skond dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bil-miktub lir-Regolatur fi żmien tlett xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Liċenzjar ta' servizzi regolati u l-applikazzjoni biex jingħataw il-liċenzi.
Emendat: A.L. 31 tal-2010; A.L. 38 tal-2010; XXV. 2015.41.

6. (1) Il-provvista ta' servizzi msemmija fir-regolament 3 għandha teħtieġ awtorizzazzjoni ġenerali jew liċenza individwali maħruġa skond dawn ir-regolamenti jew kif provdut bl-Att.

(2) Kull persuna li tixtieq tipprovdi xi servizz li jeħtieġ liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandha tibgħat l-applikazzjoni tagħha bil-miktub lir-Regolatur f'dik il-forma u b' dak il-mod kif jista' jitlob ir-Regolatur jew kif provdut bl-Att.

(3) Ir-Regolatur għandu jistabilixxi l-proċedura tagħha sabiex jiddeċidi dwar applikazzjoni għal-liċenza għall-provvista ta' l-ilma jew liċenza għas-servizzi tad-drenaġġ:

Iżda dawk il-proċeduri għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Att.

(4) Il-liċenzi għandhom jinħarġu mir-Regolatur fir-rigward tal-provvistà tas-servizzi msemmija f'dawn ir-regolamenti u

għandhom jinkludi l-pattijiet u l-kundizzjonijiet għall-provvista ta' dawk is-servizzi:

Iżda dawk il-liċenzi għandhom ikunu meħtieġa biss, kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra, skond l-Att:

Iżda wkoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għal stabbiliment ġdid m'għandhomx jidduplikaw il-ħtiġiet u l-kontrolli li jkunu ekwivalenti jew komparabbli b'mod essenzjali fir-rigward tal-fini tagħhom li għalihom il-provditur ta' servizz ikun diġà soġġett fi Stat Membru ieħor jew f'Malta.

(5) Liċenza maħruġa mir-Regolatur għandha tkun bil-miktub u, kemm il-darba ma tiġix irtirata, imħassra jew ma tkunx sospiża skond xi kondizzjoni li jkun hemm fiha, għandha tibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien skond ma jkun speċifikat taħt jew stabbilit mill-liċenza.

(6) L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha żżomm ir-Regolatur milli joħroġ liċenza unika li tkun tiġbor fiha aktar minn liċenza waħda.

(7) Il-perjodu ta' validità tal-liċenza għandu jiġi deċiż mir-Regolatur:

Iżda dak il-perjodu m'għandux ikun inkonsistenti ma' jew kuntrarju għad-disposizzjonijiet tal-Att.

(8) Il-Ministru jista' jagħti direzzjoni lir-Regolatur, jekk iqis li jkun hekk meħtieġ, biex tillimita l-għadd ta' liċenzi li jistgħu jinħarġu għal servizzi regolati minn dawn ir-regolamenti:

Iżda dik il-limitazzjoni għandha tkun ġustifikata permezz ta' raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku u skond id-disposizzjonijiet tal-Att u tal-Att dwar is-Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern. Kap. 500.

Hlas li jsir ma' l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; A.L. 337 tal-2009; A.L. 38 tal-2010; XXV. 2015.41.*

7. (1) Il-ħlas li jsir ma' l-applikazzjoni, li ma jingħatax lura, għandu jkun ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) u li jitħallas lir-Regolatur meta ssir applikazzjoni għal-liċenza:

Iżda ħlas li jsir ma' l-applikazzjoni, li ma jingħatax lura, għandu jkun ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għal dawn is-servizzi li ġejjin:

(*a*) fornituri ta' l-ilma li għandhom l-intenzjoni li jipprovdu volum ta' ilma aktar minn 10m^3/kull ġurnata u li jipprovdu l-ilma permezz ta' netwerk ta' distribuzzjoni;

(*b*) l-operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ li għandhom l-intenzjoni li jiġbru volum ta' drenaġġ aktar minn 10m^3/kull ġurnata u jew jiġbru d-drenaġġ permezz ta' sistema ta' ġbir jew joperaw impjant għat-trattament tad-drenaġġ.

(2) Id-drittijiet għal liċenza u l-multi u d-drittijiet għal *e-tracking* għandhom jiġu stabbiliti skond l-Iskeda.

(3) Il-kriterji stabbiliti għall-ħruġ ta' xi awtorizzazzjoni taħt

dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mhux diskriminatorji, iżda proporzjonati, ċari u mhux ambigwi u oġġettivi, għandhom jiġu pubblikati minn qabel, ikunu trasparenti u aċċessibbli.

Is-setgħat biex ikunu imposti kondizzjonijiet tal-liċenza.
Emendat: A.L. 31 tal-2010; A.L. 38 tal-2010; XXV. 2015.41.

8. (1) Ir-Regolatur għandu s-setgħa li jistabbilixxi permezz tal-liċenza dawk il-kondizzjonijiet skond ma r-Regolatur iqis li jkun hemm bżonn jew li jkun spedjenti filwaqt li jqis il-funzjonijiet stabbiliti bl-Att.

(2) Fornituri ta' l-ilma jew operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ li jaqgħu taħt xi kategorija waħda speċifikata fir-regolament 3(1) għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet simili, filwaqt li jistgħu jkunu stabbiliti kondizzjonijiet differenti għall-kategoriji differenti speċifikati fir-regolament 3(1).

(3) Madankollu, ir-Regolatur jista' jagħmel distinzjoni fil-kondizzjonijiet tal-liċenza tagħha bejn:

(*a*) fornituri ta' l-ilma u fornituri ta' l-ilma mhux għax-xorb;

(*b*) fornituri ta' l-ilma skond il-volum ta' l-ilma provdut;

(*ċ*) l-operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ skond il-volum tad-drenaġġ miġbur u, jew trattat u, jew mormi.

(4) Ir-Regolatur għandu s-setgħa li jinkludi kondizzjonijiet fil-liċenza konsistenti ma' ordnijiet ta' xorta ta' *policy* li l-Ministru jista' jagħti lir-Regolatur u li jistgħu jkunu jittrattaw iżda ma jkunux neċessarjament limitati:

(*a*) għall-ħruġ u t-terminu ta' żmien tal-liċenza inkluża l-identifikazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet ta' sostenn li għandhom jingħataw mill-fornitur ta' l-ilma jew mill-operatur ta' servizzi tad-drenaġġ, skond ir-regolament 4;

(*b*) għas-sospensjoni, tibdil u kondizzjonijiet ta' trasferiment tal-liċenza;

(*ċ*) għall-ħlas li għandu jsir għall-liċenzi mill-fornitur ta' l-ilma jew mill-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ lir-Regolatur;

(*d*) għar-rekwiżiti ta' konformità mal-kondizzjonijiet, ordnijiet, ittri maniġerjali, standards, linji ta' gwida, kodiċijiet jew regoli mogħtija mir-Regolatur u liġijiet oħra;

(*e*) għall-ħlasijiet u tariffi għall-provvistà tas-servizzi regolati;

(*f*) għall-obbligi tas-servizz tal-fornituri ta' l-ilma jew ta' l-operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ inklużi, iżda mhux limitat għalihom, obbligi lejn il-klijenti, l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rispons għall-emerġenza, pjanijiet ta' immaniġġjar ta' l-assi u pjanijiet dwar is-sigurtà;

(*g*) għall-monitoraġġ, reġistrar, għoti, rappurtar u awditjar ta' informazzjoni lir-Regolatur;

(*h*) għall-ispezzjonar, it-teħid ta' kopji u partijiet minn kotba u reġistri miżmuma minn fornitur ta' l-ilma jew

minn operatur tas-servizzi ta' drenaġġ u t-twettiq ta' kejl u testijiet fir-rigward ta' xi fond, assi jew impjant;

(*i*) għall-valutazzjoni u l-awditjar ta' operazzjonijiet u konformità mal-kundizzjonijiet tal-liċenza;

(*j*) għar-regolament ta' kumpanniji sussidjarji u, jew il-kumpanniji u, jew koperattivi li jipprovdu parti mis-servizzi regolati.

(5) Kull persuna li tingħata liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandha:

(*a*) tikkonforma ruħha ma' kull ordni mogħtija mir-Regolatur rigward affarijiet bħal dawk skond ma huma speċifikati fil-liċenza jew li jkunu ta' xorta ħekk speċifikata;

(*b*) tipprovdi s-servizzi skond dawk il-kondizzjonijiet tal-liċenza:

Iżda l-provditur awtorizzat għandu jinforma lir-Regolatur b'kull bidla f'dak li għandu x'jaqsam mal-attività tas-servizz tiegħu li permezz tagħha l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunux jistgħu jiġu milħuqa u t-twaqqif ta' sussidjarji li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu taħt l-iskop tal-awtorizzazzjoni u, jew tal-iskema tal-awtorizzazzjoni;

(*ċ*) tagħmel jew ma tagħmilx dawk l-affarijiet bħal dawk li hemm speċifikati fil-liċenza jew li huma ta' xorta ħekk speċifikata;

(*d*) tikkonforma ruħha mad-deċizjonijiet jew ma' l-ordnijiet maħruġa mir-Regolatur bil-għan li jkun hemm konformità ma' kull obbligu internazzjonali li Malta jista' jkollha.

Sospensjoni, revoka jew tħassir tal-liċenzi. *Emendat: A.L. 38 tal-2010; A.L. 184 tal-2012; XXV. 2015.41.*

9. (1) Ir-Regolatur jista', f'kull żmien matul il-perjodu tal-validità tal-liċenza, jordna s-sospensjoni, ir-revoka jew it-tħassir tagħha meta r-Regolatur ikun sodisfatt li:

(*a*) l-persuna li jkollha l-liċenza naqset jew tkun qiegħda tonqos milli ssegwi xi kundizzjoni tal-liċenza jew dawn ir-regolamenti, jew

(*b*) il-persuna li jkollha l-liċenza ma jkollhiex il-permessi jew l-liċenzi l-oħra kollha rilevanti li jinħarġu minn xi awtorità jew entità regolatorja oħra, jew

(*ċ*) il-persuna li jkollha l-liċenza tkun qiegħda tikser xi rekwiżit statutorju jew rekwiżit ieħor impost b'xi liġi, jew

(*d*) il-persuna li jkollha l-liċenza tonqos milli tikkonforma ma' xi direzzjoni mogħtija mir-Regolatur fuq dawk il-materji li huma speċifikati fil-liċenza jew li għandhom deskrizzjoni ħekk speċifikata, jew

(*e*) xi informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni għal liċenza jew fl-applikazzjoni għal tiġdid tal-liċenza u li abbażi tagħha tkun inħarġet jew ġiet mġedda l-liċenza

skond il-każ, tiġi stabbillita bħala informazzjoni falza, jew

(*f*) il-persuna li jkollha l-liċenza tonqos milli teffettwa l-ħlas ta' liċenza kif stabbilit fir-regolament 13:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħa li jissospendi, jirrevoka jew iħassar liċenzi, ir-Regolatur jista' iqis ix-xorta tan-nuqqas jew il-fatt li, fl-opinjoni tar-Regolatur, il-persuna li jkollha l-liċenza tkun qiegħda tieħu passi adatti biex tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet tal-liċenza jew kull fatt ieħor li r-Regolatur iqis li jista' jkun rilevanti:

Iżda għal kull deċiżjoni meħuda mir-Regolatur, inkluż ir-rifjut jew ir-revoka ta' xi awtorizzazzjoni, għandha tingħata raġuni sħiħa u għandha tkun soġġetta għal sfida quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva:

Kap. 490.

Iżda wkoll fil-każ ta' nuqqas tar-Regolatur li jinforma lill-applikant f'dak li għandhu x'jaqsam ma' xi deċiżjoni meħuda li tirrigwarda aċċess għal xi attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha, inkluż ir-rifjut jew ir-revoka ta' xi awtorizzazzjoni, m'għandu b'ebda mod ikun ifisser, li r-Regolatur ikun approva b'mod impliċitu dik l-awtorizzazzjoni għal xi attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha u li l-applikant ikun ġie mogħti b'mod awtomatiku aċċess għal attività tas-servizz, jew l-eżerċizzju tagħha.

(2) L-ebda persuna ma tista' toffri servizzi msemmija fir-regolament 3 meta r-Regolatur ikun issospenda l-liċenza u sakemm titneħħa s-sospensjoni tal-liċenza mir-Regolatur.

(3) L-ebda persuna ma tista' toffri servizzi msemmija fir-regolament 3 meta r-Regolatur ikun irrevoka jew ħassar il-liċenza u sakemm tinħareġ liċenza ġdida mir-Regolatur.

(4) Kull persuna li kellha liċenza tagħha mħassra jew revokata, tista' tapplika mill-ġdid għall-liċenza u dik l-applikazzjoni l-ġdida tkun soġġetta għad-disposizzjonijiet kollha stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.

Tibdil fil-liċenzi. *Emendat: XXV. 2015.41.*

10. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, ir-Regolatur jista' jibdel, jemenda, jissostitwixxi, iżid jew iħassar kull kondizzjoni tal-liċenza li jqis meħtieġa jew spedjenti li hekk jagħmel minħabba fil-funzjonijiet stabbiliti bl-Att.

(2) Qabel ma jagħmel xi tibdil bħal dak, ir-Regolatur għandu jagħti avviż fejn:

(*a*) jgħid li jkun qed jipproponi li jagħmel tibdil fil-liċenza filwaqt li jgħid x'effett dawn mistennija li jkollhom;

(*b*) jagħti r-raġunijiet għaliex it-tibdiliet ikunu qegħdin jiġu proposti;

(*ċ*) jispeċifika l-perjodu (li ma jkunx anqas minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż) li fih jistgħu jsiru lmenti jew oġġezzjonijiet dwar it-tibdiliet proposti,

u r-Regolatur ikun marbut li jikkunsidra kull ilment u oġġezzjoni li jkunu saru kif imiss u li ma jkunux ġew irtirati.

(3) L-avviż imsemmi fis-subregolament (2) għandu:

(*a*) jinġieb għall-attenzjoni tal-Ministru u tal-fornitur ta' l-ilma jew ta' l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ;

(*b*) jinġieb għall-attenzjoni pubblika bil-publikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ordnijiet ta' infurzar. *Emendat: XXV. 2015.41.*

11. (1) Meta r-Regolatur ikun sodisfatt li:

(*a*) l-fornitur ta' l-ilma jew l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ ikun qiegħed jikser xi kondizzjoni tal-liċenza, jew

(*b*) l-fornitur ta' l-ilma jew l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ ikun qiegħed jikser xi rekwiżit impost bil-liġi, jew

(*ċ*) ikun hemm xi nuqqas persistenti mill-fornitur ta' l-ilma jew mill-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ li jilħaq l-miri stabbiliti mir-Regolatur, jew

(*d*) xi persuna tkun qiegħda twettaq xi attivitajiet jew tipprovdi xi servizz imsemmi f'dawn ir-regolamenti mingħajr ma tkun awtorizzata jew ikollha liċenza li tagħmel dan mir-Regolatur,

ir-Regolatur jista' jieħu dawk il-miżuri fir-rigward ta' tali fornitur ta' l-ilma, jew operatur tas-servizzi tad-drenaġġ, jew persuna skond ma r-Regolatur iħoss li jkun l-aktar adatt.

(2) Ir-Regolatur jista' joħroġ ordnijiet ta' infurzar li fihom jagħmel dawk il-provvedimenti li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet jew mar-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1).

(3) L-ordni ta' infurzar imsemmija fis-subregolament (2):

(*a*) għandha teħtieġ lill-fornitur ta' l-ilma jew lill-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ jew lill-persuna li l-ordni tkun tirrigwarda (skond iċ-ċirkostanzi tal-każ) li jagħmlu, jew li ma jagħmlux, kull ma jiġi lilhom speċifikat fl-ordni jew kull ma jkollu deskrizzjoni hekk speċifikata;

(*b*) għandha tidħol fis-seħħ f'dak il-ħin, li jkun l-aktar ħin kmieni u prattikabbli, skond ma jiġi stabbilit bl-ordni jew taħtha;

(*ċ*) għandha tkun ippubblikata b'tali mod skond ma r-Regolatur iqis li jkun xieraq bl-iskop li jġib kull ma tirreferi għalih għall-attenzjoni tal-persuni li x' aktarx ser jintlaqtu bl-ordni;

(*d*) tista' tkun revokata f'kull waqt mir-Regolatur:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħa għall-ħruġ ta' ordni ta' infurzar, ir-Regolatur jista' iqis ix-xorta tan-nuqqas jew il-fatt li, fl-opinjoni tar-Regolatur, il-persuna li jkollha l-liċenza tkun qiegħda tieħu passi adatti biex tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet tal-liċenza jew kull fatt ieħor li r-Regolatur iqis li

jista' jkun rilevanti.

Obbligi tas-servizz pubbliku.
Emendat: A.L. 31 tal-2010; XXV. 2015.41.

12. (1) Il-Ministru jista' jordna lir-Regolatur, fl-interess ġenerali, li jimponi bħala kundizzjoni tal-liċenza ta' fornitur ta' l-ilma jew ta' operatur tas-servizzi tad-drenaġġ li jkunu ngħataw liċenza biex jipprovdu xi servizz taħt dawn ir-regolamenti, xi obbligu ta' servizz pubbliku li jfornu xi servizz, f'xi forma speċifikata, lil xi klijent aħħari jew lil gruppi speċifiċi ta' klijenti aħħarin, bi prezzijiet speċifikati.

(2) Dawk l-ispejjeż żejda li jinġarbu bħala riżultat ta' dawn l-obbligi jistgħu jkunu identifikati mill-fornitur ta' l-ilma, jew mill-operaturi tas-servizzi tad-drenaġġ, u għandhom jiġu verifikati mir-Regolatur.

(3) L-ispejjez żejda msemmija fis-subregolament (2) jistgħu jiġu rkuprati skond ma jiġi speċifikat mir-Regolatur, inkluż permezz ta' ħlas addizzjonali li jiġi impost fuq fornituri oħra ta' l-ilma jew fuq operaturi oħra tas-servizzi tad-drenaġġ skond ma jkun il-każ.

Hlas li jsiru għal-liċenzi.
Emendat: XXV. 2015.41.

13. (1) Il-fornitur ta' l-ilma jew l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ għandu jeffettwa kull ħlas għal liċenza lir-Regolatur, inkluż kull ħlas li jsiru ma' l-għoti tal-liċenza u kull ħlas għat-tiġdid tal-liċenza fuq bażi annwali.

(2) L-ammont tal-ħlas tal-liċenza għandu jkun skond dawk il-mekkaniżmi stabbiliti mir-Regolatur u approvati mill-Ministru.

(3) Ir-Regolatur għandu jippubblika fil-Gazzetta, l-mekkaniżmi li bihom jiġi deċiż kull ħlas tal-liċenzi qabel ma dan jiddaħħal fis-seħħ.

Minkejja dan u għall-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ir-Regolatur jista' jistabillixxi il-ħlas għal-liċenzi u dan il-ħlas għall-liċenzi huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Ministru.

Tariffi.
Emendat: A.L. 31 tal-2010; XXV. 2015.41.

14. (1) Fil-każ ta' l-ilma li jiġi fornut permezz tan-netwerk pubblika tad-distribuzzjoni ta' l-ilma jew fil-każ ta' provvista ta' servizzi tad-drenaġġ permezz ta' sistema pubblika ta' ġbir ta' drenaġġ, kwalunkwe fornitur ta' l-ilma jew operatur tas-servizzi tad-drenaġġ għandu jagħti s-servizzi tiegħu skond it-tariffi u s-sussidji kif approvati mir-Regolatur, jew, jekk ma jkunux hekk stabbiliti jew approvati, il-fornitur ta' l-ilma jew l-operatur tas-servizzi tad-drenaġġ għandu jagħti is-servizzi tiegħu skond it-tariffi u s-sussidji fis-seħħ qabel l-Att u miżmuma fis-seħħ taħt l-artikolu 36 ta' l-Att:

Iżda fornitur ta' l-ilma jew operatur tas-servizzi tad-drenaġġ għandu iżomm il-kontijiet għal servizzi li fl-opinjoni tar-Regolatur, ma teżisti ebda kompettizzjoni effettiva fis-suq separatament mill-kontijiet għal attivitajiet l-oħra, f'kull forma jew konsolidazzjoni kif ordnat mir-Regolatur, bil-għan li jiġi evitat li jingħata sussidju bejn oqsma differenti jew li ssir distorzjoni fil-kompetizzjoni:

Iżda kull fornitur ta' l-ilma jew operatur tas-servizzi tad-

drenaġġ għandu jidentifika dawk l-attivitajiet kollha li jwettaq hu u s-sussidjarji tiegħu u jipproponi klassifikazzjoni ta' l-attivitajiet għall-approvazzjoni tar-Regolatur fi żmien tliet xhur minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(2) Ir-Regolatur jista' jimponi strutturi jew mekaniżmi ta' tariffi jekk ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' interess nazzjonali bħalma huma l-protezzjoni tal-klijent, il-kompetizzjoni ġusta u t-tħaris ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku waqt li tieħu akkont ta' ordnijiet ta' xorta ta' *policy* li l-Ministru jista' jagħti.

Reati.
Emendat:
A.L. 426 tal-2007.

15. Salv id-disposizzjonijiet ta' artikolu 26 ta' l-Att, fornitur ta' l-ilma jew operatur tas-servizzi tad-drenaġġ jew persuna li tipprovdi xi servizz jew li tkun topera xi sistema msemmija f'dawn ir-regolamenti, li tikser jew tonqos li tosserva xi wieħed minn dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Bidu ta' proċeduri.
Miżjud:
A.L. 38 tal-2010.

16. Minkejja kull liġi oħra, proċeduri għal reat kontra dawn ir-regolamenti jistgħu ikunu mibdija f'kull waqt fi żmien sitt snin minn meta jkun sar ir-reat.

SKEDA

[Regolament 7(2)]

Applikazzjoni u Drittijiet għal Liċenza għal operaturi ta' *water tanker*

Drittijiet ta' liċenza u multi għal *e-tracking* għal *water tankers*:

1	Dritt għal liċenza annwali	€200 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma
2	Dritt għal *e-tracking* annwali	€425 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma
3	Dritt ta' darba għal istallazzjoni ta' *sensor* għal livell ta' l-ilma għal *water tanker* jew karru	€800 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma

---